MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Numru 472/2011

Il-Pulizija
(Spettur Arthur Mercieca)

vs

Shaun Borg

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita numru 77489M, akkuzat talli:

1 nhar il-31 ta' Marzu 2011 ghall-habta ta' 12:30p.m. gewwa Zejtun attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioè PS1429 E. Mangion, PC1324 S. Aquilina u PC841 R. Mallia filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

2 fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, ghedded u ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PS1429 E. Mangion, persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.
3 fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa Zejtun volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara teccedi l-116.47 Ewro fuq vettura DAT264 ghad-dannu ta’ John Cassar.
4 fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija.
5 fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied.
6 fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b’mod li ma kienx jista’ jiehu hsieb tieghu innifsu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta incident, li tieghu kien jahti l-imputat, meta kien f’stat ta’ sokor. In kwantu ghal provi hemm l-istqarrija tal-imputat u stima tal-hsara li l-imputat ma kienx qed jikkontesta.

Lanqas m’huma kkontestati l-fatti kif spjegati fl-akkuza.

Fuq daqshekk u bl-aderenza tal-imputat ghaddiet ghas-sentenza.

Issib htija fl-imputat ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu. Rat l-Artikolu 96, 95, 325(b), 338(ee), 338(dd) u 17 tal-Kap 9. Tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tlett snin mill-lum. Tordna wkoll li jhallas €213 zmien sitt xhur lill-vittma.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------